**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Grezzju Spiteri**
**Warren Vella**

Numru 54/2009

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Grezzju Spiteri**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, bin Guzeppi u Maria neé Farrugia, imwieled Zejtun, nhar il-15 ta' Ottubru, 1951, residenti fil-fond numru Block EB, Flat 6, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 820451(M)

u

**Warren Vella**, ta' dsatax (19)-il sena, bin Victor u Maria Assunta neé Borg, imwieled Victoria, nhar il-04 ta' Frar, 1990, residenti fil-

fond numru Sant'Anglu, Triq Ghajn il-Qamar, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 14190(G),

akkuzati talli nhar it-08 ta' Marzu, 2009, u sentejn ta' qabel gewwa x-Xewkija, Ghawdex u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. saqu vettura tal-ghamla Suzuki tat-tip Jimny bin-numru tar-registrazzjoni SON 074 meta ma kienux koperti b'polza tal-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni;

2. saqu u uzaw l-istess vettura minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, u mgedda ghas-sena kurrenti;

**Lil Grezzju Spiteri wahdu**:

3. talli uza l-licenzja tal-vettura GAJ 023 fuq il-vettura SON 074;

4. xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioé minn licenzja tal-*windscreen* bin-numru serjali mhux maghruf, izda li kien ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAJ 023 imwahhla fuq vettura tal-ghamla Suzuki Jimny bin-numru tar-registrazzjoni SON 074;

5. uza, gieghel jew halla lil Warren Vella juza l-vettura SON 074 fit-triq, meta ghall-imsemmija vettura ma kienet issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

6. irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura li ggib n-numru tar-registrazzjoni SON 074.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "E" – *a fol.* 30).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9 u 10).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef (*a fol.* 80).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 83).

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 85), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 87).

Rat illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, l-imputat Spiteri ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015, lill-imputat Vella jaghti d-depozizzjoni tieghu minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 101), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 103 *et seq.*), is-sottomissjoniet finali da parti tal-konsulent legali tal-imputat Spiteri.

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 106 *et seq.*), lill-konsulent legali tal-imputat Vella jiddikjara li minkejja li l-Qorti kienet kkoncedietlu zmien sabiex jipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet huwa kien ser jaghzel li jirrimetti ruhu ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2010, xehed **Saviour Farrugia** (rapprezentant ta' Transport Malta – *a fol.* 34) fejn qal li mentri fid-19 ta' Dicembru 2008 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 023 kienet registrata fuq John Vella (I.D. Nru. 3468(M)) u kellha l-licenzja mhallsa sal-31 ta' Lulju 2009, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SON 074 hija registrata fuq isem l-imputat Spiteri fit-2 ta' Ottubru 2006 u kellha l-licenzja mhallsa sal-31 ta' Lulju 2007. Jixhed li filwaqt li fir-rigward tal-imputat Spiteri ma sab ebda *record* ghar-rigward licenzja tas-sewqan, fir-rigward tal-imputat Vella dan ghandu licenzja kategorija "B" li nkisbet fit-30 ta' Ottubru 2008.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2010, xehed **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 39) fejn qal li fit-8 ta' Marzu 2009 giet imwaqqfa vettura bin-numru ta' registrazzjoni SON 074, li x-xufier taghha kien l-imputat Vella, u minn tfittxija li saret irrizulta li r-registrazzjoi li kien hemm mal-*windscreen* kienet ta' vettura ohra, cioé ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 023.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat Vella kien qalilhom li l-vettura ma kienitx tieghu pero kienet tal-imputat Spiteri. Jghid li jista' jkun li Vella qallu li kien Spiteri stess li kien ghaddielu l-vettura peress li qallu li kellhom imorru ghal xi ziemel. Jghid li Vella ma kien jaf b'xejn dwar in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 67 *et seq.*), jghid li, jekk mhux sejjer zball, ir-*road licence* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 023 kienet skaduta. Jghid li din

kienet fil-*holder* mal-*windscreen*. Jixhed li din giet mghoddija lill-iSpettur Josric Mifsud u li l-imputat Vella kien wahdu fil-vettura meta gie mwaqqaf.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2010, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 40) fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 138 Portelli. Jghid ukoll l-licenzja ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni SON 074 kienet skaduta.

In kontro-ezami jghid li jidhirlu li jiftakar li Vella kien qalilhom li kien Spiteri stess li kien sellieflu l-vettura u li kien f'dik il-gurnata biss li l-imputat Vella kien saq dik il-vettura. Jixhed li Vella kien jidher li ma kien jaf b'xejn dwar il-licenzja u n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 70 *et seq.*), jghid li meta gie mwaqqaf l-imputat Vella, Vella kien wahdu. Wara li talab jikkonferma u gie suggeriet lilu li ma' Vella kien hemm tfajla, ikkonferma dan. Jghid li r-*road licence* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 023 kienet mwahhla mal-*windscreen*. Ma jiftakarx jekk kienitx skaduta pero jiftakar li kienet ta' vettura ohra. Jghid li din giet mghoddija lill-iSpettur. Jghid li, sa fejn jaf hu, ma kienx hemm *road licences* tondi gol-*glove compartment* fejn saret tfittxija.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012, xehed **PS 771 Raymond Mifsud** (*a fol.* 50 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PC 138 Joseph Portelli u PC 1384 Felix Sammut.

In kontro-ezami jghid li l-persuna li giet imwaqqfa kienet l-imputat Vella. Jghid li jimmagina li Vella gie moghti l-*caution*. Mistoqsi jghid jekk ghandux *record* li Vella nghata l-*caution*, wiegeb li hija procedura. Ikkonferma li huwa dejjem segwa din il-procedura. Jghid li Vella qalilhom li l-vettura kienet tal-imputat Spiteri.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 88 *et seq.*), jghid li ma jidhirlux li kien hemm xi persuna ohra ma' Vella meta dan gie mwaqqaf. Mistoqsi jghid jekk jistax ikun li flimkien ma' Vella kien hemm it-tfajla tieghu, wiegeb li nesa. Jghid li l-

imputat Vella gie moghti l-*caution*. Jghid li ma jidhirlux li nforma lil Vella li kellu dritt li jkellem avukat. Jghid li jista' jkun li l-imputat Vella kellu mazz cwievet.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013, il-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Settembru 1999 liema sentenza gie mmarkata bhala Dok. "Z" (*a fol.* 60 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015, xehed l-imputat **Warren Vella** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kellu jghaddi ghat-tfajla tieghu Deborah Saliba u ma kellux vettura biex jaghmel dan. Jghid li kien ghadu kemm igib il-licenzja. Jghid li l-imputat Spiteri offrielu c-cavetta tal-vettura tieghu biex ikun jista' jmur ghat-tfajla tieghu. Jghid li Spiteri ghandu relazzjoni ma' ommu. Jghid li huwa telaq minn tac-Cawla u mar in-Nadur ghat-tfajla. Jghid li wara li mar in-Nadur u nizel flimkien mat-tfajla tieghu, ghaddiet vettura tal-Pulizija u gie mwaqqaf. Jixhed li l-Pulizija ma nfurmawh b'xejn waqt li kienet qed issir it-tfittxija u li ma nfurmah hadd bid-drittijiet tieghu. Jghid li ttiehdet l-Ghassa u li Spiteri kien hemm. Jghid li hu (Vella) ma giex mitkellem. Jghid li meta l-imputat Spiteri tah ic-cwievet tal-vettura tieghu qallu biex jehodlu lura l-vettura f'hin partikolari. Jghid li qabel beda jsuq il-vettura huwa ma ccekja xejn. Jghid hu kemm dahal fil-vettura u saq. Jghid li dak iz-zmien kellu 18 il-sena sejjer ghal 19.

Fuq domandi tal-konsulent legali ta' Spiteri, jghid li Spiteri tah mazz cwievet u li Spiteri ghandu zewg vetturi. Jghid li hu (Vella) qabad u ghazel liema vettura ried. Jghid li ma kienx hu li saq il-vettura minn fejn gie mwaqqaf sakemm ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija. Jghid li ma jafx min saq il-vettura meta din giet mehuda l-Ghassa tal-Pulizija.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk meta huwa telaq bil-vettura, meta tah ic-cavetta Spiteri, jekk hu rahx sejjer biha, wiegeb fin-negattiv. Jghid li Spiteri kien id-dar. Jghid li Spiteri ma qallu xejn fuq liema vettura.

In <u>ri-ezami</u> jghid li normalment, fil-perjodu ta' meta sehh l-akkadut, Spiteri kien isuq il-vettura li nqabad biha hu (Vella).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "F" – *a fol.* 31 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Spiteri lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud fil-11 ta' Marzu 2009, f'liema zmien persuna arrestata ma kellhiex dritt tikkonsulta ruhha ma' avukat, Spiteri jghid: *"nghid li dik il-licenzja kienet ta' karozza ohra li kont bieghejt ftit xhur ilu. Dik ghamilha hemm jien Sir, mhux biex tidher li tat-2008, ghax qeghdin fl-2009, mhux biex ninganna. Nghid li dik kienet ta' karozza tieghi li llum ilha mhux ghandi erba' xhur"* (*a fol.* 31). Mistoqsi jghid meta pogga l-licenzja GAJ 023, wiegeb li ma jafx ezatt pero jghid li ma kienx ilu li poggieha. Mistoqsi jghid ghala l-licenzja l-ohra tal-vettura SON 074 kienet fil-*glove compartment*, wiegeb li ma jafx ghala. Jghid li din suppost kienet fid-*dashboard*. Jghid li l-ahhar li hallas il-licenzja tal-vettura in kwistjoni (tas-Suzuki) kienet tal-2007. Jghid li m'ghandux idea rigward *insurance*. Jghid li minn ghalih li tas-sena 2008 kienet imhallsa. Mistoqsi jghid kif il-vettura spiccat fejn spiccat dakinhar tal-akkadut, wiegeb: *"Jien ha nfehmek naqra dak il-hin kont rieqed. Jien qomt biex inmur ngib id-debba halli nmur ngib id-debba ghat-tlielaq. U Sonia qaltli li kienu waqfuh il-Pulizija. Nghid li issa kont qieghed nkellem lil Sonia u hi qaltli li kienet tat il-karrozza lil Warren hi biex imur igib it-tfajla min-Nadur Sir"* (*a fol.* 32). Jghid li kien isuq biss il-vettura biex imur ir-remissa li tinsab fil-Munxar u mhux kuljum. Jghid li gie li gibed il-karru tad-debba bis-Suzuki. Mistoqsi jghid meta kien l-ahhar darba li uza s-Suzuki, wiegeb: *"Dakinhar stess"* (*a fol.* 32).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li z-zewg imputati qed jigu akkuzati b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-uzu tal-vettura li dakinhar tal-akkadut kienet qed tinstaq mill-imputat Vella. Il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti <u>konsiderazzjonijiet generali</u>:

- L-atti processwali jikkontjenu l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Spiteri liema stqarrija giet rilaxxata fi zmien li persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat. Fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar ricenti, il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija.

- Il-Qorti kif diversament preseduta, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 63) iddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni bhala maghluqa. Jirrizulta li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Mifsud baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri.

- Il-Prosekuzzjoni naqset li tezebixxi r-*road licence* li ssir riferenza ghaliha fl-atti processwali. Dan jikkostitwixxi prova nieqsa *da parte* tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan ta' vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni)</u>:**
Illi, fir-rigward tal-imputat Vella, jirrizulta pruvat mix-xiehda moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija li dakinhar tal-akkadut l-imputat imsemmi kien qed isuq il-vettura in kwistjoni.

Illi Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza".

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> "Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4)".

Illi *stante* li l-imputat Vella ma gabx prova kuntrarja kif jiddisponi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti jirrizultalha li effettivament l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat Vella giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat imsemmi ser jinstab hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-imputat Spiteri, il-Qorti tinnota li ma giex pruvat li la dakinhar tal-akkadut u anqas fiz-zmien ta' qabel huwa saq il-vettura in kwistjoni. Ghaldaqstant, l-ewwel (1) imputazzjoni ma gietx pruvata fir-rigward tal-imputat Spiteri u b'hekk Spiteri ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Sewqan u Uzu tal-Vettura minghajr Licenzja)</u>:**
Illi huma z-zewg imputati li gew addebitati b'din l-imputazzjoni. Tenut kont tal-fatt li gie pruvat li dakinhar tal-akkadut l-imputat Vella kien qed isuq il-vettura in kwistjoni u tenut kont tal-fatt li Saviour Farrugia, ir-rapprezentant tal-Awtorita' ta' Trasport, xehed li din il-vettura kellha l-licenzja mhallsa sal-31 ta' Lulju 2007, b'hekk m'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat Vella giet pruvata u b'hekk l-imputat imsemmi ser jinstab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-imputat Spiteri, minkejja li ma giex pruvat li dakinhar tal-akkadut u anqas fiz-zmien ta' qabel huwa uza l-vettura in kwistjoni, tenut kont tal-fatt li l-vettura kellha l-licenzja mhallsa sal-31 ta' Lulju 2007 u li din il-vettura kienet issejjah lill-imputat Spiteri u tenut kont tal-fatt li l-pjanci tar-registrazzjoni tal-vettura ma gewx ritornati lill-Awtorita' ta' Trasport, b'hekk ma ghandu jibqa' l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni giet ukoll sodisfacentement pruvata fil-konfront tal-imputat Spiteri.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Uzu ta' Licenzja ta' Vettura fuq Vettura Ohra U Uzu ta' Licenzja tal-*Windscreen* ta' Vettura fuq Vettura Ohra)</u>:**
Illi huwa biss l-imputat Spiteri li gie addebitat b'dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Tenut kont tat-tlitt konsiderazzjonijiet generali li gew elenkati aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti ma tista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ssib lill-imputat Spiteri hati ta' dawn iz-

zewg imputazzjonijiet u b'hekk l-imputat Spiteri ser jigi liberat minnhom.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Uzu, Gieghel jew Halla lil Warren Vella juza l-Vettura)</u>:**
Illi minkejja li l-imputat Vella jixhed li l-imputat Spiteri offrielu c-cavetta tal-vettura tieghu biex ikun jista' jmur ghat-tfajla tieghu, filwaqt li ma jirrizultax jekk effettivament l-imputat Spiteri offriex ic-cavetta tal-vettura mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li dak li l-imputat Spiteri qed jigi akkuzat bih taht din l-imputazzjoni gie pruvat u b'hekk l-imputat Spiteri ser jigi liberat mill-hames (5) imputazzjoni.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni, l-imputat Spiteri qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fil-konfront ta' "Grazio Spiteri" liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "Z" (*a fol.* 60 *et seq.*). Din is-sentenza ma tikkontjeniex il-konnotati tal-persuna fil-konfront ta' min inghatat u anqas ma gie prodott l-Ufficjal Prosekutur fiha biex jikkonferma jekk il-persuna fil-konfront ta' min inghatat huwiex l-istess persuna Spiteri fil-kawza odjerna. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni din is-sentenza.

Illi l-atti processwali jikkontjenu l-fedina penali tal-imputat Spiteri li tinsab immarkata bhala Dok. "C" (*a fol.* 13 *et seq.*). Il-konnotati tal-persuna huma identici ghal dawk tal-imputat Spiteri fil-kawza odjerna u b'hekk il-Qorti ma ghandu jkollha ebda dubju li din il-fedina penali hija tal-imputat Spiteri. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkunsidra lill-imputat Spiteri bhala recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-imputat Vella ser jinstab hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat Spiteri ser jinstab hati tat-tieni (2)

imputazzjoni u talli huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta taht is-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputati u li gew pruvati u kif ukoll il-fedini penali (Dok. "C" u "D" – *a fol.* 13 *et seq.*) taghhom. Filwaqt li l-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea fil-konfront taz-zewg imputati ghandha tkun dik ta' multa, *stante* li l-imputati ser jinstabu hatja ta' imputazzjonijiet diversi, il-piena fil-konfront taghhom ser tkun wahda diversa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat Grezzju Spiteri hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u kif ukoll ta' dik il-parti tas-sitt (6) imputazzjoni fejn l-imputat Spiteri gie akkuzat li rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah minnhom, wara li:

- fir-rigward tal-imputat Warren Vella, rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Vella hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2700.00),

- fir-rigward tal-imputat Grezzju Spiteri, rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Spiteri hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll ta' dik il-parti tas-sitt (6) imputazzjoni fejn l-imputat Spiteri gie akkuzat li rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah multa ta' mitejn Euro (€200.00).

Illi, fir-rigward tal-imputat Vella, il-Qorti, tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien ta' tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru min nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni fic-*charge sheet* sabiex il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni SON 074, il-Qorti tichad tali talba *stante* li ma tara l-ebda raguni valida u legali ghala din it-talba ghandha tigi milqugha.

______________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

______________________________

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**